**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs.**

***Omissis***
**Russell Buhagiar**

Numru 212/2014

Illum is-sebgha (7) ta' Marzu 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

*Omissis*

**Russell Buhagiar**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Joseph u Antonia neé Caruana, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Dicembru 1981,

residenti gewwa 78, Triq San Gorg, Luqa, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 13982(M) akkuzat talli:

1. fil-25 ta' Lulju 2008, u f'dawn l-ahhar tliet snin qabel din id-data ta' qabel, gewwa Hal-Luqa u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati, b'sentenza ta' reati Maltin (06/02/2004) liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lilu jew imissu lill-imputat jew huma proprjeta' tieghu kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 9) datat 27 ta' Lulju 2008 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat Russell Buhagiar sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 531/2008 redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke (*a fol.* 200 *et seq.*) li jirrigwarda sejba ta' droga u affarijiet relatati mat-traffikar taghha fil-fond numru 78, Triq San Gorg, Luqa nhar il-25 ta' Lulju 2008.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 784/2008 li jikkontjeni x-xiehda guramentata moghtija minn Charles Mizzi u Malcolm Said quddiem il-Magistrat Dr. Doreen Clarke (*a fol.* 246 *et seq.*).

Rat il-Process Verbal bin-Numru 551/08 li jikkontjeni x-xiehda guramentata moghtija minn Carmela sive Charmaine Camilleri quddiem il-Magistrat Dr. J. Padovani (*a fol.* 605 *et seq.*).

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 691) datata 21 ta' Gunju 2012 *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat Russell Buhagiar sabiex jitressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014, l-imputat ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta (*a fol.* 722 *et seq.*).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef Silvio Camilleri (*a fol.* 745a *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tad-29 ta' Settembru 2015 (*a fol.* 746) u tal-20 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 746a), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, id-depozizzjoni moghtija minn André Francois Buhagiar (*a fol.* 751 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016, lill-iSpettur Elton Taliana jixhed in kontro-ezami (*a fol.* 756 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2017 u tat-30 ta' Jannar 2018, is-sottomissjonijiet finali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 766 *et seq.* u *a fol* 772 *et seq.*) u rat ukoll in-Nota tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-8 ta' Jannar 2018 (*a fol.* 769 u 770).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni u li jikkoncernaw lill-imputat Russell Buhagiar u dana *stante* li l-proceduri odjerni kienu originarjament ukoll kontra André Francois Buhagiar (hu l-imputat Russell Buhagiar).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2008, xehdet **Charmaine Camilleri** (*a fol.* 38 *et seq.*) fejn spjegat kif erba' snin qabel saret taf lil André u kif saret habiba mieghu u li mbaghad kellhom relazzjoni flimkien. Tghid li ghall-habta tal-Milied ta' tliet snin qabel, André kien ha d-droga d-dar taghha fil-Gharghur u hi misset mal-kokajina. Tispjega li d-dar hadu zewg linji u mbaghad marru fil-bar ta' hu André, cioé Russell, li jinsab Wied il-Ghajn fejn hadu linja ohra. Tghid li mbaghad bdew jiehdu l-kokajina bil-pipa u li l-kokajina kien igibha André u hi kienet tixtriha minn ghandu ghal prezz ta' Lm35 jew Lm30 il-gramma. Tghid li meta André qabdilha l-pipa, ghamlet sena u erba' xhur tehodha kuljum u li André hassrielha hajjietha. Tispjega li André kien isawwatha u heddielha l-familja u lit-tfal taghha. Mistoqsija tghid kemm, bejn wiehed u iehor, nefqet flus fil-kokajina ghand André, wiegbet Lm70,000 liema flus tghid li gabithom mill-wirt ta' missierha. Tghid li hliet Lm150,000.

F'dan il-hin inqrat lilha l-istqarrija li hija rilaxxat fl-14 ta' Lulju 2008 u li gguramentat quddiem il-Magistrat J. Padovani. A skans ta' ripetizzjoni mhux ser jerga' jigi riprodott hawn taht dak li diga nghad hawn fuq quddiem il-Qorti. Tghid: *"u minn hemm bdejna niltaqghu kuljum Ta' Qali wara x-xoghol u ghamilna xi sena sejrin hekk. Sa dak iz-zmien kont naf li kien jiehu l-haxixa ghax rajtu jiena stess ipejjep fil-prezenza tieghi"* (*a fol.* 46 u *a fol.* 611). Tghid li kienet tonfoq mal-Lm1000 kuljum u li André kien ibiegh ukoll lil shabu ta' Hal-Luqa, fosthom Charlie Mizzi minn Hal-Luqa. Mistoqsija tghid jekk id-dar tieghu André ghandux affarijiet relatati ma' droga, wiegbet li d-dar tieghu André ghandu mizien f'liema dar tghid li jghixu il-genituri ta' André u huh Russell. Tghid li Russell qatt ma ta droga u hi qatt ma hadet droga minn ghandu. Mistoqsija tghid jekk qattx sar negozju fil-bar ta' Russell, wiegbet fin-negattiv. Tghid li qatt ma rat lil Russell jiehu d-droga.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2008, xehed is-**Sur Martin Bajada** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*envelope loose*).

Is-**Sur Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2009 (*a fol.* 486 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "MBX" (*a fol.* 488 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2008, xehed ukoll ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 114 *et seq.*). Fir-rapport imsemmi huwa wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*(a)* *"Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 238_08_01 u 238_08_02 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 29.35 grammi u l-purità kienet ta' cirka 40%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(b)* *Illi fl-estratti mehuda mis-sigarett li hemm fid-dokument 238_08_05 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta Kannabis. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(c) *Illi fuq swab mehuda minn fuq il-mizien li hemm fid-dokument 238_08_06 instabet is-sustanza Kokaina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta".*

Ix-**Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 215 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jaghti l-i*street value* fejn qal li kien hemm 29.35 grammi kokajina u skond il-*Malta Drug Situation 2006 National Report* din il-kokajina kienet tiswa €70 minimu jew €103 massimu kull gramma li jaghti total ta' €2054.50 minimu jew €3023.05 massimu. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "GS 1" (*a fol.* 217 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2008, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Elton Taliana** (*a fol.* 139 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Lulju 2008 ghall-habta tas-6.00pm hu flimkien mal-iSpettur Robert Vella u PC 1511 Kevin Tabone marru jaghmlu tfittxija fil-fond 78, Triq San Gorg, Luqa fejn kien hemm prezenti l-imputat Russell Buhagiar u l-genituri tieghu. Jghid li f'wahda mill-*cupboards* li hemm fil-kamra tal-banju, liema kamra tmiss mal-kamra tas-sodda ta' André Buhagiar, ingabret borza li kienet mimlija trab abjad u mizien digitali. Jghid li giet infurmata l-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali u appuntat xi esperti biex jassistuha fl-Inkjesta. Jghid li minn tfitxxija li saret fil-kamra tas-sodda ta' André Buhagiar gew elevati aktar affarijiet bhala pipa, bott *sodium carbonate*, *key chain* li kellha xi tebghat u rmiet go fiha, hames *pipe strings* u *notebook*. Ezebixxa n-*notebook* li gie mmarkat bhala Dok. "ET" (*a fol.* 144), tnax-il bicca deheb (li kienu man-*notebook*) u li kienu ghadhom bil-prezz u li gew immarkati bhala Dok. "ET 1". Jghid li PC 1511 gibdilhom l-attenzjoni li Russell Buhagiar kien qabad basket u kien mexxieh minn go kamra ghall-ohra f'liema basket irrizulta li kien hemm ammont sostanzjali ta' flus Euros li kienu fi tliet mazez: wiehed kien go kaxxa tal-landa tal-hadid u kien hemm zewg mazez ohra ta' l-Euros. Jghid li wara li telqu mir-residenza msemmija ghall-habta tad-9.30pm rcieva telefonata minn PC 1438 Campbell mid-*Drug Squad* li nfurmah li Russell Buhagiar kien mar u ammetta mal-Pulizija li d-droga ma' kinitx ta' huh André pero kienet tieghu. Jixhed li l-ghada regghet saret tfittxija ohra fir-residenza fejn irrizulta li go vazun fis-salott kien hemm tliet qratas. Meta omm Russell giet mistoqsija tghid ta' fejn kienu dawk il-flus, qaltilhom li l-flus kienu tal-bar illi ghandu Wied il-Ghajn. Jghid li mar flimkien ma' Stephen, hu l-imputat, f'dan il-bar fejn wiehed mil-lavranti certu Alan Tabone qalilhom li kien rcieva €30 biss. Jghid li ttiehdet stqarrija ta' Russell Buhagiar u ta' André Buhagiar. Ezebixxa mandat (Dok. "ET 2" – *a fol.* 145), stqarrija ta' Russell Buhagiar (Dok. ET 3" – *a fol.* 146 *et seq.*) u stqarrija ta' André Buhagiar (Dok. "ET 4" – *a fol.* 149 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid jekk hux minnu li fuq Russell Buhagiar ma kien qed jirrizultalu xejn, wiegeb: *"Qed tghid sewwa*

*iva. Fuq Russell sa issa ma qed jirrizulta xejn. Ahna ressaqna fuq l-ammissjoni tieghu, peress li ammetta hu, ressaqna lilu"* (*a fol.* 143). Jghid li Russell qal li d-droga hija tieghu u ammetta u kellu cans jahsibha l-lejl kollu kemm dam arrestat u l-ghada baqa' jghid li d-droga kienet tieghu.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Elton Taliana** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 343 *et seq.*) fejn ezebixxa numru ta' sentenzi, wahda minnhom moghtija fis-6 ta' Frar 2004 fil-konfront tal-imputat Russell Buhagiar u li giet immarkata bhala Dok. "ET" (*a fol.* 348), u hames sentenzi moghtija fil-konfront ta' André Francois Buhagiar li gew immarkati bhala Dok. "ET 1 sa "ET 5" (*a fol.* 349 *et seq.*).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014 (*a fol.* 705 *et seq.*), ikkonferma li fil-hanut ta' Russell Buhagiar ma nstabet l-ebda droga u ma nstab xejn konness mad-droga. Jikkonferma li droga ma nstabitx fil-kamra ta' Russell Buhagiar u jispecifika li d-droga nstabet fil-kamra tal-banju u li s-*sachets* instabu fl-entratura tad-dar. Jghid li l-investigazzjoni kienet proprjament tikkoncerna lil André Francois Buhagiar *stante* li huma kienu qed jinvestigaw lilu. Jghid li Russell Buhagiar gie mressaq peress li hu mar minn jeddu. Mistoqsi jaqbilx li fuq Russell Buhagiar qatt ma kien hemm l-icken rapport relatat mad-droga, wiegeb li rapporti fuq Russell Buhagiar qatt ma kellhom. Jikkonferma li André qal li d-droga hija kollha tieghu, inkluz il-mizien u jghid: *"min ghalija anke l-pipa hija tieghu"* (*a fol.* 707). Ikkonferma li André qal li d-droga kollha li nstabet fir-residenza ta' Buhagiar u kif ukoll il-pipa, il-mizien u d-deheb kienu kollha tieghu. Mistoqsi dwar in-*notebooks*, jghid: *"Jiena jidhirli li André Francois Buhagiar kien ammetta li l-affarijiet kollha li sibna li huma kienu relatati huma tieghu u n-notebooks kienu jindikaw li huma tieghu fil-fatt"* (*a fol.* 708).

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 756 *et seq.*), jghid li saru zewg tfittxijiet fil-fond fejn kien joqghod André Francois Buhagiar: wahda fil-25 ta' Lulju 2008 u ohra l-ghada 26 ta' Lulju 2008. Jghid li meta marru fil-fond f'Hal-Luqa marru b'mandat ghal André Francois Buhagiar. Jikkonferma li Russell

Buhagiar kien prezenti pero ma giex arrestat. Jghid li fl-ewwel tfittxija nstabet droga fil-kamra tal-banju u fit-tieni tfittxija nstabet d-droga fil-vazun. Jghid li bejn l-ewwel u t-tieni tfittxija l-imputat Russell Buhagiar ma kienx arrestat u li hu gie arrestat meta qal li d-droga kienet tieghu. Jghid li mbaghad ittiehdet stqarrija minn ghandu. Mistoqsi: *"Jigifieri taqbel mieghi li kellu zmien bizzejjed biex inehhieha mill-vazun kieku kienet tieghu?"* (*a fol.* 757), wiegeb: *"Ifhimni meta gie l-Ghassa gie d-Depot imbaghad gibnih l-Ghassa d-droga kienet qieghda gol-vazun u meta morna naghmlu t-tieni search sibniha hemmhekk"* (*a fol.* 757).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2008, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Robert Vella** (*a fol.* 151 *et seq.*) li xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom l-iSpettur Elton Taliana. Jghid li l-baskett li PC 1511 Kevin Tabone ra lil Russell igorr kien basket ta' kulur blu skur u li kien qed jingarr minn gewwa l-kcina u tqieghed fil-kamra tas-sodda tieghu. Jghid li meta Russell gie mistoqsi jghid x'kienu l-flus li kien hemm fil-baskett, dan qalilhom li dawn kienu tal-hanut li hu ghandu. Jghid li meta Russell mar minn jeddu d-*Drug Squad* hu qal li t-trab li kien instab fir-residenza taghhom kienet kokajina u kienet tieghu personali. Ezebixxa mandat li gie mmarkat bhala Dok. "RV" (*a fol.* 156).

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid jekk hux minnu li ma rrizulta xejn minn investigazzjonijiet li kienu ghadhom ghaddejjin fuq Russell, wiegeb li kien ghadu ma rrizulta xejn.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014 (*a fol.* 710 *et seq.*), qal li seta' jikkonferma dak kollu li xehed l-iSpettur Taliana fl-istess seduta. Jghid li hadu passi kontra Russell Buhagiar ghar-raguni li fl-istqarrija tieghu hu ammetta li l-affarijiet kienu tieghu.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2008, xehed ukoll **PC 1511 Kevin Tabone** (*a fol.* 157 *et seq.*) li qal li fil-25 ta' Lulju 2008 kien flimkien mal-iSpetturi Elton Taliana u Robert Vella meta saret tfittxija fil-fond f'Hal-Luqa waqt liema tfittxija ra lill-imputat Russell icaqlaq basket ta' kulur skur minn gol-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu

ghal gol-kamra tieghu u tefghu fl-art. Jghid li f'dan il-basket irrizulta li kien hemm ammont konsiderevoli ta' Euros.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2008, xehed ukoll **PC 826 Matthew Parnis** (*a fol.* 222 *et seq.*) fejn ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "MP" (*a fol.* 224 *et seq.*). Jghid li din ir-relazzjoni tinkludi hames (5) ritratti li ha hu fis-26 ta' Lulju 2008 fil-fond fi Triq San Gorg, Hal-Luqa.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2008, xehed ukoll **PS 186 Kristian Mintoff** (*a fol.* 228 *et seq.*) fejn ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "CM" (*a fol.* 230 *et seq.*) liema relazzjoni tinkludi tlettax (13) il-ritratt li gibed hu fil-25 ta' Lulju 2008 fil-fond fi Triq San Gorg, Hal-Luqa.

**PS 186 Kristian Mintoff** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2008 (*a fol.* 284 *et seq.*) fejn qal li fir-rapport tieghu ndika l-fond bhala dak bin-numru 66, Triq San Gorg, Luqa mentri dan il-fond kellu n-numru 78.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2008, xehed ukoll **PC 1348 Joseph Campbell** (*a fol.* 234 *et seq.*) fejn spjega li fil-25 ta' Lulju 2008 waqt li kien qieghed ix-xoghol ghal xi l-5.30pm kien mar Russell Buhagiar id-*Drug Squad* fejn dan infurmah li kien hemm huh arrestat ghalxejn ghaliex id-droga li kienet instabet kienet tieghu (ta' Russell). Jghid li fuq struzzjonijiet tal-iSpettur Elton Taliana, l-imputat Russell gie arrestat.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 716 *et seq.*), mistoqsi jghid jekk tul it-tmintax il-sena li ilu fid-*Drug Squad* qatt marx xi hadd bhal ma ghamel Russell Buhagiar u qal *"dawk huma tieghi"* (*a fol.* 716), wiegeb: *"Jiena s'issa qatt ma kelli. Dak l-unika kaz li kelli"* (*a fol.* 716).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2008, xehed il-**Perit Richard Aquilina** (*a fol.* 263 *et seq.*) fejn ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "RA" (*a fol.* 265 *et seq.*). Jispjega li fir-

relazzjoni tieghu hemm lista ta' l-affarijiet li gew elevati u depozitati fil-Qorti.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2008, xehed ukoll **Malcolm Said** (*a fol.* 273 *et seq.*) fejn giet moqrija lilu l-istqarrija guramentata li tinsab *a fol.* 259 *et seq.*. Ikkonferma li minn ghand Russell Buhagiar qatt ma xtara droga.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2008, xehed **Charles Mizzi** (*a fol.* 291 *et seq.*) fejn wara li nqrat lilu l-istqarrija guramentata li tinsab *a fol.* 254 *et seq.* ikkonferma li minn ghand Russell qatt ma xtara xejn.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2009, xehed **Dr. Philip Galea Farrugia**[1] (*a fol.* 377 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien diga pprezenta r-relazzjoni tieghu (li giet ezebita fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2008 – *a fol.* 317 u li giet immarkata bhala Dok. "PG"[2]). Jghid ukoll li l-gurnata ta' qabel, cioé fis-16 ta' April 2009, rcieva *envelope* minn ghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-Qorti estendietlu l-inkarigu tieghu sabiex ikun jista' jirrelata.

**Dr. Philip Galea Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2009 (*a fol.* 393 *et seq.*) fejn ipprezenta rapport addizzjonali li gie mmarkat bhala Dok. "PGF 1" (*a fol.* 395 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2009, xehed is-**Sur Mario Buttigieg** (*a fol.* 453 *et seq.*) fejn wara li ra Dok. "ET" (*a fol.* 348) spjega li din kienet citazzjoni ta' kawza li Russell Buhagiar kellu quddiem il-Magistrat Carol Peralta fejn instab hati u wehel multa. Mitlub jghid jekk jaghrafx lil dan il-persuna Buhagiar fl-awla, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2009, xehdet **Demaris Mifsud** (*a fol.* 492 *et seq.*) fejn qalet li kienet qed tixhed in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone Malta Limited u meta rat Dok. "MBX" (*a fol.* 488 *et seq.*) ikkonfermat li fuq dan id-dokument hemm il-firma taghha.

---

[1] Dr. Philip Galea Farrugia kien diga ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' Dicembru 2008 (*a fol.* 317) pero d-depozizzjoni tieghu ma setghetx tigi traskritta.

[2] *Envelope Loose*.

Ikkonfermat li ma kellha l-ebda informazzjoni fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. André Francois Buhagiar et**.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2009, xehed **PC 637 Kevin Manicaro** (*a fol.* 500 *et seq.*) fejn spjega li kellu struzzjonijiet biex dakinhar tal-kaz tal-25 ta' Lulju 2008 jinserixxi ir-rapport fuq drogi. Ezebixxa r-rapport li gie mmarkat bhala Dok. "KM" (*a fol.* 502 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Jannar 2011, xehed **Alan Borg** (*a fol.* 584 *et seq.*) fejn spjega li kien jahdem fl-i*snack bar* bl-isem ta' B5 f'Haz-Zabbar li kien imexxi Russell. Jghid li fis-sena 2010 il-Pulizija kienu marru l-hanut u kellmuh. Jghid li l-Pulizija kellhom *"xi kaxxa tal-flus tax-xoghol stess"* (*a fol.* 586) u li din il-kaxxa kienu jahdmu x-xoghol biha. Jghid li din il-kaxxa kien fiha flus u *cards* tal-*mobile "biex anke jigi d-delivery tal-cards tal-mobile u hekk inhallsu minnha u r-rebh tal-kaxxi tal-loghob biss"* (*a fol.* 587). Jghid li l-kaxxa ma jafx kemm kien fiha flus ezatt. Jghid li mhux hu kien jiftahha ghax ma kinitx proprjeta' tieghu. Mistoqsi jghid kif kien jaf x'kien ikun fiha, wiegeb li Russell Buhagiar kien jghidlu. Meta rega' gie mistoqsi jghid kemm, bejn wiehed u iehor, ikun fiha ammont ta' flus, wiegeb €2000. Mistoqsi jghid jekk, apparti dakinhar, is-soltu jkunx jaf x'ikun fiha l-kaxxa, wiegeb: *"Le le qatt"* (*a fol.* 588).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Jannar 2011, xehdet ukoll **WPS 61 Maria Cuschieri** (*a fol.* 590 *et seq.*) fejn qalet li fis-26 ta' Lulju 2008 kienet xoghol fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar u kienet giet infurmata biex tirraporta f'fond 78, Triq San Gorg, Hal-Luqa. Tghid li meta marret sabet lill-iSpetturi Elton Taliana u Robert Vella u qalulha li kienu qed ifittxu ghad-droga. Tghid li giet murija wkoll xi droga li nstabet minnhom u wara kompliet bit-tfittxija hi (flimkien ma' ohrajn) fejn tghid li ma sabux drogi pero tghid li sabu xi ammonti ta' flus u xi skratacc u affarijiet ohra li gew innutati mill-Perit Aquilina.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Jannar 2011, xehed ukoll **PC 491 Matthew Galea** (*a fol.* 593 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Lulju 2008 kien ha sehem fi tfittxija go post residenzjali gewwa Hal-Luqa. Jghid li fejn

kien involut hu sab mazz flus li ghaddiehom lill-espert tal-Qorti. Ma jafx kemm kien hemm flus.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Jannar 2011, xehed ukoll **PC 1122 Arthur Rizzo** (*a fol.* 596 *et seq.*) fejn qal li fis-26 ta' Lulju 2008 kien stazzjonat biex fis-siegha imur ibiddel lil WPS 61 li kienet qieghda fuq tfittxija go indirizz f'78, Triq San Gorg, Hal-Luqa. Jghid li marru hu u PC 903 fejn spjega li huma kemm hadu *over* mill-espert il-Perit Richard Aquilina li kien qed jaghmel rapport ta' l-affarijiet li kienu nstabu. Jghid li hu ma ghamel l-ebda tfittxija.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011, xehdet **Dr. Maria Cardona** (*a fol.* 646 *et seq.*) fejn ezebiet r-rapport redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 648 *et seq*).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011, xehed ukoll **PS 1261 Charles Pace** (*a fol.* 654 *et seq.*) fejn spjega li huwa kien acceda gewwa fond f'Hal-Luqa flimkien ma' PS 186 Kristian Mintoff. Jghid li kien mieghu semplicement bhala prezenza.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2014, xehed l-imputat **Russell Buhagiar** (*a fol.* 722 *et seq.*) fejn qal li André Buhagiar jigi huh ikbar. Jghid li trabbew flimkien u bejniethom hemm sena u nofs. Spjega li kellu *snack bar* u li darba minnhom marru l-Pulizija d-dar u hadu lil huh André maghhom. Jghid li ommu spiccat tibki, il-genituri tieghu kienu nkwetati hafna u hu kien jaf li André kellu aktar kazi u qal li din id-darba kienet ser tigih aghar (lil huh) u hu nkwieta u ddecieda li jmur id-Depot minn jeddu u jghidilhom li d-droga kienet tieghu. Jghid: *"U ghamilt hekk biex naqla' lil hija qisu"* (*a fol.* 723). Jghid li ma kienx jaf li l-kaz kien daqshekk gravi. Jghid li hu ma giex interrogat fil-hin li kien hemm il-Pulizija d-dar u meta gie arrestat huh, il-Pulizija ma qalulu xejn lilu (lil Russell). Qal li l-Pulizija riedu li jkun hemm xi hadd maghhom meta bdew ifittxu d-dar u hu qaghad maghhom. Jispjega li gie arrestat wara li qal li d-droga kienet tieghu. Meta saritlu riferenza ghall-istqarrija li rrilaxxa hu lill-Pulizija qal li dik l-istqarrija hija falza u hija storja vvintata sabiex jiehu l-kolpa hu flok huh. Meta fl-istqarrija tieghu qal li kien jiehu l-kokajina u minn fejn kien jixtriha u minn ghand

min, jghid li dan huwa kollu falz. Jghid: *"Imbaghad ghall-mistoqsijiet trid twiegeb biex tivvinta xi haga u ghamilt dik l-istorja. U ivvintajt storja hu"* (*a fol.* 725). Jichad li d-droga kienet tieghu. Mistoqsi dwar l-ammont li semma fl-istqarrija jghid li kien jisma' fuq programmi fuq id-droga u affarijiet simili fejn jghidu kemm jonfqu u x'jaghmlu. Jichad li d-droga li nstabet fid-dar kienet tieghu. Jghid li l-mizien li nstab ma jafx ta' min hu. Jghid li huwa vvinta lill-Gharbi li ghamel riferenza ghalih fl-istqarrija. Mistoqsi jghid meta sar jaf l-ewwel darba li kien hemm id-droga fil-kamra tal-banju, wiegeb: *"X'hin gew il-Pulizija d-dar"* (*a fol.* 728). Jghid li hu ma kellux x'jaqsam maghha din id-droga. Jghid li pprova kemm jista' jghatti lil huh biex jipprova jaqla' lilu u jiehu l-kolpa hu (Russell). Rigward il-flus li nstabu d-dar, jghid: *"Dik ghax malli kienu gew l-iSpetturi u kont qed naghmel il-karti tax-xoghol, kelli basket kont nitfa' l-cards tal-mobile u l-flus biex nixtri s-sigaretti u l-affarijiet u mbaghad kienu fittxewh biss dakinhar. U kienu raw illi fi flus u affarijiet hekk ta' xoghol"* (*a fol.* 730). Jghid li l-flus kien jixtri bihom affarijiet tax-xoghol. Rigward il-Euros li nstabu fil-bott fil-kamra tieghu, wiegeb: *"Dawk kont imwarrab xi flus u biex meta nhallas il-bolol inkella xi kont tad-dawl u hekk, insib il-flus hekk, mhux noqghod hekk minn fejn se ngibhom. Fhimt? Kont inwarrabhom bil-lest, hekk kull xahar kont nitfa' xi haga halli nsibhom"* (*a fol.* 731). Jghid li l-flus kienu jigu mix-xoghol tal-hanut. Jichad li hu (Russell) kien ibiegh id-droga. Jichad li hu qatt biegh id-droga u meta mistoqsi jghid ghala fl-istqarrija ghad-domanda li hemm persuna li xtara minn ghandu il-kokajina, hu wiegeb: *"Ma nwegibx"*, jghid: *"Ghax ma kontx naf x'ser naqbad u nghidlu. Mela dan jista' jkun hemm xi hadd li inti tbiegh id-droga jekk mhux veru tbiegh"* (*a fol.* 732). Jghid li ghad-domanda ta' kemm il-gramma kien ikun fihom il-pakketti li fl-istqarrija qal li gie li xtara, ghala ma wegibx, jghid: *"Ghax bilfors ma stajtx inwiegeb. Mela jiena naf kemm jixtru hekk. Ghax ma kontx imcappas b'dawn l-affarijiet. Ma kontx naf x'ser inwiegeb"* (*a fol.* 733). Jghid li fl-istqarrija qal li gie li uza l-mizien biex ikompli bl-istorja. Jghid li fil-verita' anqas kien jaf bih. Ikkonferma li ma kienx ipejjep haxixa. Jghid li meta fl-istqarrija qal li meta jkun Paceville gie li jaqsmu linja, qal hekk biex ikompli bl-istorja sabiex ikompli jkun kredibbli. Jghid li fl-istqarrija semma l-Havana, Footloose u l-Places bhala postijiet fejn gie li qasam linja, ghax meta kien izghar kien ikun hemmhekk u hemmhekk gieh

f'mohhu li jsemmi! Jghid li dan m'hu xejn minnu. Fir-rigward tan-*notebook* jghid li dan qatt ma kien rah pero rah meta l-Pulizija marru d-dar. Jghid li n-*notebook* mhuwiex tieghu. Jghid li darba minnhom ra lil huh André inkwetat u qallu li kellu xi dejn man-nies u hu (Russell) kien tah il-flus. Jikkonferma, bhala ma qal fl-istqarrija, li huh André kellu problema ta' droga. Meta fl-istqarrija wiegeb fl-affermattiv ghad-domanda jekk kienx hu li pogga d-droga li nstabet fil-kamra tal-banju, jghid li ried jaqla' lil huh u ried ikun kredibbli. Jghid: *"Ghax jien ridt nikkonvinci li dik id-droga hija tieghi l-ewwel nett biex nipprova naqla' lil hija, qed tifhem? Ghax jiena ma kellix kazi, ghidt forsi u ma mmurx daqshekk, ghax nismaghhom jghidu li jehlu probation ghall-ewwel darba u hekk, u naf illi hija kellu iktar kazi u ghidt iktar jiggrava u ppruvajt naghmel storja nohloq kollox fuqi u b'hekk bdejt inwiegeb kollox u affarijiet, fhimt?"* (*a fol.* 736-737). Jghid li hu qatt ma kellu x'jaqsam man-negozju tad-droga u qatt ma ccappas mad-droga. Jghid li lest li jaghmel it-testijiet. Jghid li kien dejjem jahdem u li l-bicca l-kbira dejjem ghal rasu hadem.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu ghala kien hemm domandi li ma tax spjegazzjoni u kien hemm ohrajn li ma wegibx ghalihom, wiegeb: *"Ghax bdejt nghid dak kif qed iwahhal fija illi ghandu xhieda illi ghandu hekk, u mhux veru. Imbaghad jiena mhux allec ta' dawn l-affaijiet u ma kontx naf x'ser nghid, kif se naqbad nghid. Ivvintajt l-istorja fuq hija biex naqla' lil hija imma fuq affarijiet ohrajn, fuq id-drogi u hekk ma stajtx nghid kollox ghax dawk ma kontx nafhom certu affarijiet"* (*a fol.* 739). Mistoqsi jikkonfermax li d-droga li nstabet fil-kamra tal-banju kienet f'post accessibbli ghal kull min juza l-kamra tal-banju, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li hu kien juza l-kamra tal-banju. Mistoqsi jghid ghala meta waqt it-tfittxija li ghaliha kien prezenti nstabet id-droga ma qalx dak il-hin li d-droga kienet tieghu, wiegeb: *"Ghax ma kinitx tieghi"* (*a fol.* 739). Fl-ahhar tal-kontro-ezami, qal: *"Stajt ma nikkonvincix, ifhimni, ghax dan b'li gieni f'mohhi dak il-hin gejt nghid jiena. Ma kontx naf l-affarijiet kif kienu. Bdejt qisu nwaddab kollox fuqi biex nipprova naqla' lil hija. Imbaghad bdejt insemmi Paceville u Places u hekk ghax huma gewni f'mohhi; ma gieni xejn iktar"* (*a fol.* 741).

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2016, xehed **André Francois Buhagiar** (*a fol.* 751 *et seq.*) fejn ghazel li jixhed wara li l-Qorti

nfurmatu li kellu l-ghazla li ma jixhidx *stante* li l-imputat Russell huwa huh. Jghid li l-indirizz 78, Triq San Gorg, Luqa huwa l-indirizz tad-dar tal-genituri tieghu u hemmhekk kienu joqghodu wkoll huh u hu. Mistoqsi dwar id-droga li nstabet fid-dar imsemmija, jghid li din hija tieghu. Jghid li huh Russell anqas biss kien jaf biha u li Russell qatt ma ccappas maghha. Mistoqsi jghid ghala huh mar ghand il-Pulizija wiegeb sabiex jghattielu. Jghid li huh qatt ma mess dawn l-affarijiet. Jghid li trabbew flimkien. Jghid li l-mizien, id-deheb u n-*notebook* li nstabu id-dar huma tieghu. Jghid li anke d-droga li nstabet fil-kamra tal-banju kienet tieghu (ta' André) u kien hu li hbieha hemm. Jghid li wehel tmien snin habs.

In kontro-ezami, mistoqsi dwar il-flus li nstabu fid-dar, wiegeb: *"Ma niftakarx li nstabu Sir"* (*a fol.* 753). Jghid li l-basket anqas jaf bih. Jahseb li huh Russell kien jaf li hu (André) kellu problema tad-droga. Jghid li huh Russell jaf bil-kazijiet li hu (André) kellu qabel u li b'hekk hu (André) kien imcappas mad-drogi.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*".

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fil-25 ta' Lulju 2008 kienet saret tfittxija fil-fond 78, Triq San Gorg, Luqa fejn joqghod l-imputat, huh André F. Buhagiar u l-genituri taghhom. F'din it-tfittxija nstabet id-droga. Dakinhar stess fil-ghaxija l-imputat Russell Buhagiar, li ma kien fl-ebda hin arrestat u nvestigat, mar id-Depot tal-Pulizija u qal li d-droga ma' kinitx ta' huh André pero kienet tieghu. Jirrizulta li, apparti li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' André Buhagiar, ittiehdu wkoll proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat huh Russell Buhagiar. Filwaqt li fil-konfront ta' André Buhagiar ma nhargitx il-Kontro-Ordni da parte tal-Avukat Generali, fil-konfront ta' Russell Buhagiar inharget l-imsemmija Kontro-Ordni u b'hekk il-kaz kontra l-imsemmi Russell Buhagiar qed jigi deciz mill-Qorti odjerna.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat Russell Buhagiar, il-Qorti tinnota li ser tiskarta l-stqarrija ta' André Buhagiar (*a fol.* 10 *et seq.* u Dok. "ET 4" – *a fol.* 149 *et seq.*) u kif ukoll l-istqarrija ta' Russell Buhagiar (*a fol.* 12 *et seq.* u Dok. "ET 3" – *a fol.* 146 *et seq.*) u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li dawn l-istqarrijiet gew mehuda fis-sena 2008, cioé fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**. Minkejja li fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 772 *et seq.*) il-Prosekuzzjoni ssostni li l-istqarrija rilaxxata minn Russell Buhagiar kienet wahda volontarja peress li huwa mar minn jeddu d-Depot, pero jibqa' l-fatt li dakinhar il-ligi kienet differenti milli kif inhi issa u b'hekk il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tiehu l-istqarrija rilaxxata minnu fis-sena 2008 in konsiderazzjoni!

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Russell Buhagiar. L-imputat Russell Buhagiar jinsab akkuzat bi tliet (3) imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni jinsab akkuzat li forna jew ipprokura d-droga kokajina, taht it-tieni (2) imputazzjoni jinsab akkuzat b'pussess aggravat u taht it-tielet (3) imputazzjoni jinsab akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- L-iSpettur Elton Taliana xehed li kien wara li telqu mir-residenza tal-ahwa Buhagiar li rcieva telefonata minn PC 1438 Campbell fejn infurmah li Russell Buhagiar kien mar u qal li d-droga ma' kinitx ta' huh André pero kienet tieghu. In kontro-ezami jikkonferma li fuq l-imputat Russell Buhagiar ma nstab xejn. Jghid: "*Ahna ressaqna fuq l-ammissjoni tieghu, peress li ammetta hu [Russell Buhagiar], ressaqna lilu*" (*a fol.* 143). In

kontro-ezami (*a fol.* 705 *et seq.*), ikkonferma li fil-hanut ta' Russell Buhagiar ma nstabet l-ebda droga u ma nstab xejn konness mad-droga u li anqas fil-kamra ta' Russell Buhagiar ma nstabitx droga. Jispecifika li l-investigazzjoni kienet proprjament tikkoncerna lil André Francois Buhagiar *stante* li kienu qed jinvestigaw lilu.

- L-iSpettur Robert Vella xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom l-iSpettur Elton Taliana. In kontro-ezami, mistoqsi jghid jekk hux minnu li ma rrizulta xejn minn investigazzjonijiet li kienu ghadhom ghaddejjin fuq Russell Buhagiar, wiegeb li kien ghadu ma rrizulta xejn. Jghid li hadu passi kontra Russell Buhagiar ghar-raguni li fl-istqarrija tieghu hu ammetta li l-affarijiet kienu tieghu.

- PC 1348 Joseph Campbell spjega kif dakinhar tal-25 ta' Lulju 2008 kien mar Russell Buhagiar u nfurmah li huh kien arrestat ghal xejn peress li d-droga li kienet instabet kienet tieghu (ta' Russell).

- Charmaine Camilleri (li rrilaxxat stqarrija guramentata u li xehdet fil-proceduri odjerni) spjegat kif id-droga kien igibha André Buhagiar u li Russell Buhagiar qatt ma taha droga u hi qatt ma hadet droga minn ghandu. Mistoqsija tghid jekk qattx sar negozju fil-bar ta' Russell Buhagiar, wiegbet fin-negattiv. Tghid li hi qatt ma rat lil Russell Buhagiar jiehu d-droga.

- Malcolm Said (li wkoll irrilaxxa stqarrija guramentata u li wkoll xehed fil-proceduri odjerni) ikkonferma li minn ghand Russell Buhagiar qatt ma xtara droga.

- Charles Mizzi (li wkoll rrilaxxa stqarrija guramentata u li xehed fil-proceduri odjerni) ikkonferma li minn ghand Russell Buhagiar qatt ma xtara xejn.

- Alan Borg, li spjega li kien jahdem fl-i*snack bar* immexxi minn Russell Buhagiar, xehed fuq kaxxa li fiha kien ikun hemm flus li jahdmu x-xoghol biha.

- Russell Buhagiar jixhed fuq il-fatt li hu u huh André Buhagiar trabbew flimkien u li peress li kien jaf li huh André kellu aktar kazijiet ta' droga ddecieda li minn jeddu jmur id-Depot u jghidilhom li d-droga misjuba dakinhar tat-tfittxija kienet tieghu. Jikkonferma li gie arrestat wara li qal li d-droga kienet tieghu u li l-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija kienet falza u kienet storja vvintata sabiex setgha jiskolpa lil huh. Jghid li hu qatt ma kellu x'jaqsam man-negozju tad-droga u qatt ma ccappas mad-droga.

- André Francois Buhagiar, filwaqt li xehed kif hu u huh Russell trabbew flimkien, ikkonferma li d-droga li nstabet fid-dar kienet tieghu. Jghid li huh Russell anqas biss kien jaf biha u li Russell qatt ma ccappas maghha. Jghid li wehel tmien snin hbs.

Illi l-Qorti jirrizultalha li l-imputat Russell Buhagiar qatt ma kien investigat u li gie arrestat u mressaq il-Qorti in segwitu tal-fatt li huwa qal li d-droga misjuba kienet tieghu. Hadd mix-xhieda pajzana mressqa mill-Prosekuzzjoni ma qal li Russell Buhagiar kien b'xi mod jew iehor involut fid-droga. Da parte tieghu, Russell Buhagiar xehed kif huwa qal li d-droga kienet tieghu sabiex setgha jiskolpa lil huh André Buhagiar li rrizulta li kien juza d-droga u li kellu diversi kawzi ohra. André Buhagiar ikkonferma li d-droga misjuba kienet tieghu.

Illi minkejja li l-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat Russell Buhagiar mar minn jeddu d-Depot tal-Pulizija u qal li d-droga kienet tieghu u minkejja li dan gie kkonfermat minn PC 1348 Joseph Campbell pero' fl-istess waqt il-Qorti giet infurmata ghala dan kien sar. Il-fatt li l-imputat Russell Buhagiar gie nnutat icaqlaq basket minn gol-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu ghal gol-kamra tieghu, f'liema basket irrizulta li kien hemm ammont konsiderevoli ta' Euros, dan il-fatt *per se* ma jfisser xejn. Lanqas kieku dan il-fatt kellu jittiehed in konsiderazzjoni mal-fatti l-ohra esposti fl-atti processwali ma jwassal ghall-imkien.

Illi, fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel riferenza ghall-fatt li fil-prezentata taht arrest ta' Russell u huh André Buhagiar

mentri l-imputat Russell Buhagiar inghata l-helsien mill-arrest, huh André Francois Buhagiar ma nghatax. Fl-istess sottomissjonijiet, id-difiza taghmel riferenza wkoll ghall-fatt li mentri l-Avukat Generali ma harigx il-Kontro-Ordni fil-konfront ta' André Buhagiar, l-imsemmi Avukat Generali hareg il-Kontro-Ordni fil-konfront tal-imputat Russell Buhagiar. B'kull rispett lejn l-abbli difiza, li l-Qorti tirrikonoxxi ghandha taghmel ix-xoghol taghha sabiex tiddefendi lill-patrocinat taghha, il-Qorti tinnota li z-zewg riferenzi li saru mid-difiza u esposti hawn fuq f'dawn il-paragrafu ma humiex bizzejjed sabiex il-Qorti ma ssibx htija fil-konfront ta' Russell Buhagiar. Minkejja dan, il-Qorti ma jirrizultalha xejn fl-atti processwali li b'xi mod jista' jwassalha sabiex issib htija fl-imputat Russell Buhagiar fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu u dana *stante* li l-Qorti temmen li effettivament id-droga misjuba kienet ta' André Buhagiar u mhux tal-imputat Russell Buhagiar. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha toqghod taghmel kummenti dwar il-fatt li l-imputat Russell Buhagiar ghamel stqarrija biex jiskolpa lil huh André Francois Buhagiar (liema stqarrija *del resto* giet skartata minn din il-Qorti) u dana *stante* li dawn il-kummenti jistghu jitqiesu bhala barra mill-kuntest ta' din is-sentenza.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dak li l-imputat Russell Buhagiar qed jigi akkuzat bih taht l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, u cioé fejn l-imputat gie akkuzat li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti m'ghandha ghalfejn taghmel l-ebda konsiderazzjoni *stante* li in segwitu tal-fatt li l-imputat ser jigi liberat mill-ewwel (1) u mit-tieni (2) imputazzjoni jsegwi li l-imputat ghandu jigi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Russell Buhagiar ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat imsemmi ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Russell Buhagiar hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' sekwestru u fir-rigward ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti, liema talbiet saru fic-*charge sheet*, u dana *stante* li l-imputat Russell Buhagiar gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**